

Brussell, 18 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14848/22

ENT 158
MI 830
COMPET 906
ENV 1165
IND 477
SAN 611
CHIMIE 94
CONSOM 296

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 13037/22 + ADD 1 - D 081969/02
Suġġett:	Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 440/2008 li jstabilixxi metodi ta' ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, li jemenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 440/2008, f'konformità mal-Artikolu 13(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006¹ (REACH).

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1). (l-aħħar verżjoni konsolidata: 14/10/2022);

2. F'konformità mal-Artikolu 133(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE², tali abbozzi ta' miżuri, qabel ma jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni, jiġu ppreżentati għal skrutinju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu opponew il-miżuri previsti mill-Kummissjoni, l-abbozz ta' Regolament għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.
3. L-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq huwa konformi mal-opinjoni pożittiva tal-Kumitat, espressa fis-16 ta' Settembru 2022. Il-Kumitat ivvota unanimament favur l-abbozz ta' miżura.
4. Fid-29 ta' Settembru 2022, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw sat-8 ta' Novembru 2022 l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament. L-ebda delegazzjoni ma qajmet raġunijiet għall-oppożizzjoni, u f'dan il-każ, ser jitqies li l-Kunsill ma jkollu l-ebda raġuni biex jopponiha, u b'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tadottaha formalment wara l-iskadenza ta' 3 xhur, li tiskadi sat-28 ta' Diċembru 2022.
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma n-nuqqas ta' oppożizzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Regolament, kif jinsab fid-dokument ST 13037/22 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23); Il-verżjoni konsolidata attwali hija tat-23/07/2006.